

# Il-Knisja tal-Vitorja f'Ħal Qormi

## Din is-sena l-Knisja tal-Vitorja tagħlaq 40 sena sagramentali 1969–2009

minn Joseph Giorgio





Fi triq il-Vitorja Ħal Qormi, hemm daqsxejn ta' knisja ddedikata lill-Madonna taħt it-titlu tal-Vitorja, biex tfakkar ir-rebħa ta' Malta fuq l-Imperu Ottoman, fit-8 ta' Settembru 1565. Din il-knisja inbniet ħafna snin wara l-Assedju l-Kbir. Ibniet fis-seklu sbatax. Madankollu, irridu ngħidu, li f'dawn l-inħawi kien hemm numru ta'knejjes li ġew ipprofonati. Waħda minnhom kienet ddedikata lil Vitorja li kienet fuq l-istess sit li tinsab il-knijsa tal-Vitorja llum. Il-knejjes l-oħra li kienu ġew ipprofonati kienu dawk ta' San Leonardo abbati, Santu Rokku, San Pawl Appostlu u Santa Marija Assunta.

Meta reġgħet inbniet il-knisja l-ġdida tal-Vitorja li naraw illum, il-knisja kienet għall-qalb ħafna nies. Bħala titular, naturalment, kellha t-twelid t'Ommna Marija, komunament magħrufa magħna l-Maltin bħala l-Vitorja. L-altari l-oħra ġew iddedikati lill-qaddisin li fil-viċinanzi, darba kellhom il-kappella tagħhom, jiġifieri lil San Leonardo, Santu Rokku, San Pawl Appostlu u Santa Marija.

Fil-faċċata tal-knisja nsibu kampnar li fih hemm erba' qniepen u anke arloġġ. L-arloġġ huwa xogħol Mikelanġ Sapiano, arloġġar famuż Malti. Il-qniepen huma ta' Ġulju Cauchi, li kellu l-fondarija tiegħu f'Għajn Dwieli. F'din il-funderija tiegħu f'Għajn Dwieli nħadmu għadd kbir ta' qniepen, li ħafna minnhom, jinsabu u għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum, minn għadd kbir ta' kampnari ta' knejjes f'Malta u Għawdex. Taħt il-frontispizju, insibu niċċa bi statwa tal-ġebel tal-Madonna tal-Vitorja. Il-kwadru titulari li naraw illum huwa xogħol il-pittur Malti Giuseppe Calì u jippreżenta b'kuluri vivaċi t-twelid t'Ommna Marija. Kien tpitter fis-sena 1890. Il-kwadru l-antik ittieħed fis-sagristija tal-knisja.

Mal-medda taż-żmien, peress illi l-Qriema minn dejjem kellhom għal qalbhom din il-knisja, żejnuha b'dak kollu li kien meħtieġ. Għal xi raġuni statwa titulari ma kienx hemm. Fis-sena 1942, il-prokuratur tal-knisja kien ġab xbieha tal-Madonna, li hija unika f'Malta fl-istil u fid-daqs. Ix-xbieha turina l-Madonna tarbija fil-fisqija stil Malti. Hija tinżamm ġo niċċa fil-knisja. Insibu żewġ niċeċ żgħar, tal-Ecce Homo u l-oħra tad-Duluri. Fis-snin 1994-1995, il-knisa ġiet restawrata billi nġiebet fuq il-ġebla. Sar ukoll artal mejda, grandenza u ambone tal-kewba, għall-użu tas-servizz liturġiku li jsir fil-knisja, matul is-sena kollha.

Din il-knisja kienet saret sagramentali fit-13 ta' Ġunju 1969, fi żmien meta kien prokuratur tal-knisja Dun Karm Casha, minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Dun Karm Casha ħalla dan il-wied tad-dmugħ fil-15 ta' Settembru 1985. Huwa kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu saċerdotali f'din il-knisja żgħira, b'fedeltà u mħabba. Wara l-mewt ta' Dun Karm Casha, il-knisja ma baqgħetx titmexxa minn prokuratur, imma jsir rettur tagħha min ikun Arċipriet tal-Parroċċa.

Isir fiha quddies għan-nies tal-inħawi. Matul Ottubru filgħaxija jingħad ir-Rużarju u tingħata l-barka sagramentali. Fir-Randan isiru l-eżerċizz spiritwali għal kulħadd. Issir ukoll il-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka, inkluż is-Sepulkru. F'Ħadd il-Għid, imbagħad, fil-ftuħ qaddis tal-Għid, waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, tkun għaddejja minn quddiem din il-knisja fuq iz-zuntier tagħha jiġu mbierka l-figolli tat-tfal, mill-Arċipriet tal-Parroċċa. Imbagħad, f'Settembru fl-ewwel Ħadd li jiġi fuq it-8 ta' Settembru f'din il-knisja tiġi ċċelebrata kif jixraq il-festa tal-Vitorja.

Fil-Festa tal-Vitorja, il-knisja tkun armata sabiħa ħafna. Dawk l-erba' artali kienu ġew maqlugħa minn posthom biex jagħtu aktar wiesa' fil-knisja. L-artali kienu tal-ġebel u t-taraġ tagħhom kien qed jieħu pasti sostanzjali mill-ispazju tal-knisja. L-armar tal-artali, fi żmien il-festa baqa' jintrama xorta waħda. Fuq barra, madwar il-knisja, jintramaw sett trofej żgħar, u armar ħafif ieħor, u ftit dawl elettriku. L-armar ta' barra jieħdu ħsiebu in-nies tal-kumitat festa esterni San Ġorġ Martri.

# Il-Miġja tad-Driegħ ta' San Pawl fil-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi

Għall-okkażjoni tas-Sena Pawlina, nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu 2009, fl-4pm waslet ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Pawl, mill-Knisja Arċipretali ta' San Pawl tar-Rabat, akkumpanjata mill-Kanonku Louis Suban, Arċipriet ta' San Pawl tar-Rabat. Fil-5pm saret konċelebrazzjoni u wara purċissjoni bid-Driegħ ta' San Pawl fit-toroq tal-Parroċċa. Wara l-purċissjoni ngħatat il-Barka Sagramentali.

Fil-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ, fuq l-altar tad-Duluri, hemm sotto inkwatru ta' San Pawl, impitter minn Antonio Falzon. Xbieba oħra ta' San Pwl tinsab fil-pittura tal-koppla, flimkien ma' San Ġorġ u Sant'Agata, iħarsu 'l Malta mill-invazzjoni tal-Mori. Din il-pittura hija ta' Ġużeppi Briffa.

Snin ilu, id-Driegħ ta' San Pawl kien ħadu l-Awstralja, Dun Pawl Attard, meta kien Arċipriet ta' San Pawl tar-Rabat. Ma ninsewx li Dun Pawl Attard huwa Qormi, u għamel xi erba' snin Arċipriet ta' Ħal Qormi wkoll (1978–1981). Dun Pawl, ukoll kien ħa d-Driegħ ta' San Pawl għand il-Papa fil-Vatikan. Dan kien il-Papa Pawlu VI.

Malli ra r-relikwa l-Papa qallu "Dik ir-relikwa ta' San Pawl?" "Ġibha 'l hawn ħa nbusa. Għax jien ukoll jisimi Pawlu." Naturlament Dun Pawl ħassu fis-seba' sema meta ra daqshekk entużjażmu mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI.

Tal-Istilla